# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' April, 2001**

**Numru 5**

**Cit. Nru. 304/97 GV**

**Laura u Francis konjugi Seguna**

**vs**

**Francis u Elizabeth konjugi Mallia**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili pprezentata fit-12 ta' Frar, 1997, l-atturi ppremettew is-segwenti:-

> "Illi bi skrittura privata tat-22 ta' Dicembru, 1993 il-konvenut Francis Mallia ikkostitwixa ruhu veru, cert u likwidu fil-konfront ta' l-attrici Laura Seguna, fis-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) pagabbli minghajr imghax a semplici rikjesta ta' l-attrici.

Illi wkoll fil-25 ta' Novembru, 1993, l-attrici silfet lill-konvenut is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000);

Illi l-konvenut, interpellat sabiex ihallas is-somma komplessiva ta' dsatax-il elf Lira Maltin (LM19,000) baqa' inadempjenti, u dan nonostante ittra ufficjali u mandati kawtelatorji ta' qbid u ta' sekwestru;

Illi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghmlu kontra t-talba".

Illi in vista ta' dan talbu lil dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' dsatax-il elf Lira Maltija (LM19,000).

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti gew ammessi li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet stante li t-talbiet attrici kienu maghmula bil-procedura tal-giljottina ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u huma permezz ta' nota ta' eccezzjoni introdotta fid-19 ta' Frar, 1997, eccepew is-segwenti:-

"Illi mhux minnu li l-eccipjenti ghandhom ihallsu l-ammonti mitluba – kwalunkwe ammont li seta' kien dovut thallas u gie sodisfatt u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Illi di piu' l-iskrittura citata hija falza kwantu ghall-ammont imsemmi peress li s-somma kienet ferm inferjuri u din giet sodisfatta u di fatti l-

eccipjenti pprocedew separatament biex jirrexindu l-istess stante frodi pratikat da parti ta' l-istess atturi".

## IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI

3. B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 4 ta' Ottubru, 1999, it-talbiet attrici gew milqugha limitatament ghas-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000) u allura l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu dan l-ammont.

## L-APPELL TAL-KONVENUTI

4. Il-konvenuti ntavolaw appell minn dik is-sentenza fuq l-aggravju segwenti:

Illi kwantu ghall-attur Francis Seguna irrizulta palesament li dan mhux biss ma awtorizzax lill-attrici l-ohra tipprocedi ghan-nom tieghu, izda ma kellu ebda interess stante li kien hemm tezisti separazzjoni tal-beni bejn l-atturi kif irrizulta fil-mori tal-kawza.

Illi ma kienx hemm allura l-htiega li tinghata eccezzjoni f'dan is-sens, ghax l-irritwalita' tieghu bhala li ma ghandux locus standi fil-kawza hija intrinsikament kwistjoni ta' natura legali u di piu' l-appellanti gew a

konoxxenza li kien hemm separazzjoni tal-beni bejn l-atturi fil-mori tal-kawza. Ghalhekk di fronte dan, l-appellanti kellhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi kwantu ghall-attrici Laura Seguna, il-kwistjoni kollha hija impernjata fuq il-kredibilita' o meno tal-verzjonijiet addirittura konfliggenti bejn il-partijiet fil-kawza u dejjem tenendo kont l-inezistenza ta' ricevuti ghall-pagament maghmula mill-konvenut Francis Seguna.

Illi a skans ta' ripetizzjoni minn issa ssir riferenza fuq din il-kwistjoni ghan-nota ta' osservazzjonijet maghmula mill-atturi fejn fil-fehma umli taghhom huma irnexxielhom punt punt jirrilevaw id-diskrepanzi fil-provi prodotti mill-atturi u allura l-inverosimiljanza tal-verzjoni minnhom imsemmija.

Illi pero' anke l-istess sentenza taghti lok sabiex ghal tali diskrepanza u kontradizzjonijiet jigu aggunti osservazzjonijiet ohrajn.

Illi kif osservat l-ewwel Qorti fit-tieni paragrafu taht it-titlu intestat "Konsiderazzjonijiet", il-vertenza trid tigi deciza dwar liema hija l-aktar verzjoni verosimili, jekk hiex dik ta' l-attrici li qed tibbaza ruhha fuq skrittura u cheque jew dik tal-konvenuti li qed isostnu li huma hallsu kull

debitu favurihom u ghandhom biss provi cirkostanzjali billi ma gewx prezentati ricevuti. Kliem dan mehud testwalment mis-sentenza citata.

Illi l-konvenuti allura ma jistghux jifhmu kif dik il-Qorti emmnet il-verzjoni ta' l-atturi u mhux tal-konvenuti sa fejn jirrigwarda l-ammont ta' Lm4000 li allegatament thallsu b'cheque il-Qorti ma emmnitx lill-istess attrici. L-applikazzjoni cara hi, li l-attrici Laura Seguna riedet tiehu proprju dak li mhux biss thallas izda qatt ma kien dovut. Wiehed irid jaccenna hawn, li t-talbiet kienu bil-giljottina u zgur ma kienx xi zball ta' kalkolu izda wiehed intenzjonat li jinduci b'qerq l-estorsjoni mill-konvenuti somom li skond kif mitluba fic-citazzjoni qatt ma kienu dovuti. Qatt ma kienu dovuti ghax kif ben tajjeb osservat l-Ewwel Qorti dan bilfors kienu nkluzi fl-ammont ta' Lm15,000, materja ta' l-iskrittura privata msemmija. Allura bir-ragun, l-appellanti jistaqsu:- Kif setghet dik il-Qorti taghti aktar piz lill-verzjoni ta' l-atturi u mhux lil dik ta' l-esponenti, meta dawn ta' l-ahhar kienu konsistenti fil-verzjoni taghhom mill-bidu sa l-ahhar?

Illi kwantu jirrigwarda x-xhieda ta' Marianna Winkfield l-ewwel Qorti qalet hekk:- "Dwar ix-xhieda ta' Winkfield, jigi rilevat li dina x-xhud ghalkemm xehdet li fl-okkazzjoni li kienet prezenti ghand omm l-attrici, kien hemm flus fuq il-mejda fejn kien hemm il-konvenut, hi ma kkonfermatx li dawn harighom il-konvenut. Lanqas ma semmiet kemm hallas".

Illi meta wiehed jifli x-xhieda ta' Marianne Winkfield moghtija fl-1 ta' Marzu, 1999, isib illi fil-fatt tikkontradixxi din il-parti tas-sentenza. Testwalment qalet hekk:- "Darba minnhom inzertajthom id-dar ta' omm l-attrici u dak il-mument rajtu jtiha xi flus pero' ma nafx kemm taha. Kien taha loose money. Jien rajt somma ftit mhux hazin………Ma rajtx ricevuti ghaddejjin…………Nghid li l-flus kienu ta' Mallia ghax hu kien hemm". Fid-dawl ta' dan jidher b'mod manifest li l-uniku xhud estraneja li kellhom l-esponenti gie apprezzat manifestament b'mod hazin mill-Ewwel Qorti, ghax attribwitlu fatti li ma humiex konfortati mix-xhieda ta' l-istess xhud. Din l-osservazzjoni hija kardinali, peress li in mankanza ta' ricevuti, Marianne Winkfield hi wahda mill-provi cirkostanzjali mportanti.

Ghaldaqstant l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-4 ta' Ottubru, 1999 u dan billi filwaqt li tichad it-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li minn issa qeghdin jirriservaw li fi stadju ta' l-appell iressqu dawk il-provi kollha necessarji permessibbli mil-ligi.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-APPELLATI</u>**

5. L-atturi appellati wiegbu hekk:-

Illi l-appell introdott mill-appellanti Mallia hu evidentement infondat fil-fatt u fid-dritt u jimmerita li jigi respint bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Din il-kawza trid tigi inkwadrata fl-ottika ta' kawza ohra fl-ismijiet inversi Francis Mallia et vs. Laura Seguna et (Citaz 538/97/GV) fejn l-appellanti odjerni ppruvaw jattakkaw il-validita' ta' l-iskrittura tat-22 ta' Dicembru, 1993, liema kawza b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-24 ta' Novembru, 1997 giet deciza favur l-appellati odjerni u l-appell sussegwenti introdott mill-istess appellanti tal-lum konjugi Mallia mar dezert ghax ma thallasx id-depozitu (14 ta' Mejju, 1999). Dik il-kawza meta ghaddiet in gudikat ghamlet stat fil-konfront tal-kontendenti u l-iskrittura giet ghalhekk definittivament dikjarata valida.

In virtu ta' dik l-iskrittura, l-appellanti Francis Mallia obbliga ruhu li jhallas lill-appellata Laura Seguna Lm15,000. Kontra t-talba, fil-kawza prezenti, l-appellanti qed jopponu l-hlas intier tas-somma.

L-appellanti ma giebux l-icken prova f'dan ir-rigward. La jafu meta hallsu, la jafu kif hallsu, la jafu kemm hallsu u fuq kollox ma ghandhom ebda ricevuta li tattesta l-hlas. Hu ghal kollox inverosimili li wiehed jemmen li l-appellanti Mallia hallas Lm15,000 f'diversi pagamenti in segwitu ghal skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu u ma jkollux (u anqas jitlob) almenu ircevuta. L-affarijiet ma jsirux hekk u mhux kredibbli li

persuna li ma tkunx bahnana (kif mhux bahnan l-appellanti) thallas Lm15,000 bla ircevuta, specjalment meta tkun taf li hemm skrittura attestanti d-debitu.

Ghandu biss jigi rilevat li dwar ic-cheque ta' Lm4,000, l-attrici appellata tghid li peress li dak ic-cheque ma kienx thallas lill-appellanti, izda kien thallas lil terzi ghan-nom ta' l-appellanti, hi ma dehrilhiex li kellha tinkludih fl-iskrittura sussegwenti li saret ftit granet wara u li kienet tikkoncerna s-self f'kontanti li kien sar lill-appellanti Mallia. L-attrici appellata, forsi erronjament, hasbet li c-cheque kien ircevuta minnu nnifsu u ghalhekk awtomatikament ma kienx inkluz fl-iskrittura. Zball taghha li l-ewwel Onorabbli Qorti forsi gustament hadet in konsiderazzjoni meta ppronuncjat is-sentenza. Pero' li minn hekk tiehu spunt, kif ghamel l-appellanti, biex tghid li la l-Qorti ma emmnitx din il-verzjoni ta' l-appellata, allura ma messha emmnet xejn minn dak li qalet l-appellata, hemm bahar jaqsam.

Anki x-xhieda ta' Winkfield, li fuqha tant ibbaza l-appellanti, ma tikkonfortax it-tezi ta' l-appellanti ghar-ragunijiet li jidhru ovvji meta wiehed jaqra x-xhieda taghha konfuza ghall-ahhar u minghajr dettalji attendibbli. Bizzejjed wiehed jghid li Winkfield qalet li l-flus li rat ghaddejjin kienu ta' Mallia "………ghax hu kien hemm" u ghal ebda raguni ohra. Skond l-appellanti din il-prova inattendibbli suppost

ghandha twassal lill-gudikant jikkonkludi li Mallia hallas lura Lm15,000 lill-attrici f'kontanti f'okkazzjoni wahda biss.

Il-provi ghandhom jingiebu minn min jallega l-pagament u frankament l-appellanti ma giebu ebda prova ta' ebda sura.

Appena accenn ghall-prezenza ta' Francis Seguna f'din il-kawza. L-appellanti donnhom issa qed isostnu li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tieghu. Din l-eccezzjoni ma nghatatx fl-ewwel stadju u ghalhekk l-appellanti akkwiexxew ghall-prezenza tieghu u ma jistghux joggezzjonaw f'dan l-istadju. Tant li fil-kawza fl-ismijiet inversi fuq riferita, introdotta mill-appellanti odjerni, huma harrku lil Francis u Laura Seguna flimkien ukoll. Inoltre anqas ma giebu l-prova quddiem l-ewwel Qorti ta' l-allegata separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi Seguna. U anki kieku kien hekk u l-appellanti kellhom jigu liberati fil-konfront ta' Francis Seguna, certament li tibqa' r-relazzjoni guridika ta' l-appellanti fil-konfront ta' Laura Seguna.

Ghaldaqstant l-appellati jissottomettu li l-appell interpost mill-appellanti Mallia ghandu jigi respint, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom".

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. Illi l-aggravju tal-konvenuti huwa duplici, wiehed ta' natura legali u l-iehor, ta' fatt.

7. (i) Illi l-ewwel aggravju hu li Francis Seguna ma kellu ebda "locus standi" f'din il-kawza u ghalhekk ma setghax jagixxi kontra konvenuti u li ghalhekk isegwi fil-konfront tieghu l-appellanti kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi jibda biex jinghad li l-ewwel darba li l-konvenuti qanqlu dan l-ostakolu legali kien biss fin-nota responsiva taghhom ghan-nota ta' osservazzjonijiet li kienet giet sottomessa mill-appellati. Fi kliem iehor ma giet sollevata l-ebda eccezzjoni formali f'dan is-sens. Fil-fatt l-ewwel Qorti wara li rrilevat dan, ghaddiet biex cahdet dak li sostnew il-konvenuti fin-nota responsiva taghhom.

Ikkunsidrat li ghalkemm huwa minnu li l-ebda eccezzjoni ma giet sollevata fis-sens fuq imsemmi da parti tal-konvenuti, madankollu, mill-provi prodotti jemergi kjarament li l-konjugi Laura u Francis Seguna kienu ilhom legalment separati mit-18 ta' Awissu, 1995, kif jirrizulta mill-att ta' separazzjoni bonarja maghmul u ppubblikat min-Nutar Dottor Carmel Gafa' (ara kuntratt a fol 75-78 tal-process). Minn dan il-ftehim jirrizulta li <u>ex tunc</u> il-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom kienet giet

terminata u li l-partijiet setghu jwettqu kull att tal-hajja civili kompriz li jezercitaw il-kummerc minghajr il-htiega ta' xi awtorizzazzjoni ta' xulxin. Minbarra dan, dwar din ic-citazzjoni in ezami li gietipprezentata in data tat-12 ta' Frar, 1997, l-attur Francis Seguna xehed li hu ma kien awtorizza lil hadd biex jagixxi f'ismu kontra l-appellanti u ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax kif qatt setghet l-ewwel Qorti tilqa' talba li allegatament saret f'isem xi hadd meta dan jinnega li qatt ghamel talba u lanqas baqghet legalment tikkoncernah. Illi minbarra s-suespost jirrizulta wkoll li ghalkemm il-bazi, jew il-parti principali, tat-talba attrici tirreferi ghal skrittura datata t-22 ta' Novembru, 1993, u cioe' qabel ma sehhet is-separazzjoni, pero' mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li l-attur Francis Seguna qatt ma kien involut fis-self de quo, la intimament u lanqas remotament. Illi ghalhekk kwantu t-talba attrici saret ghan-nom ta' Francis Seguna kontra l-appellanti konvenuti din ma tregix u l-ewwel aggravju fil-konfront biss ta' l-appellat Francis Seguna qieghed jigi milqugh.

7 (ii) Ikkunsidrat li fil-meritu, in kwantu dan jirreferi ghall-kontestazzjoni bejn l-appellanti konvenuti u l-appellata Laura Seguna, jidher li l-aggravju tal-konvenuti huwa dwar l-evalwazzjoni tal-provi prodotti. Huma jikkontendu li mill-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, il-grad ta' probabilita' ghal dak li jikkoncerna kredibilita' u attendibilita' ghandu kjarament ixaqleb a favur il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuti

appellanti, bil-kontra ta' dak li kkostat u kkonkludied il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li tezisti raguni jew ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma, tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugha quddiemha. Illi, fit-tieni lok, imbaghad, minn ezami akkurat tal-provi akkwiziti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi apprezzament zbaljat jew xi konkluzzjoni erroneja min-naha ta' l-ewwel Qorti. Huwa minnu li kemm fix-xhieda moghtija min-naha u kemm min-naha opposta din il-Qorti tintravedi certi lakuni u amneziji konvenjenti imma fl-istess waqt hemm provi adegwati u sufficjenti li jindikaw li ghandha tipprevali l-verzjoni tal-fatti kif premessi mill-attrici appellata.

Hekk jirrizulta li kwantu ghall-kreditu vantat mill-attrici kontra l-konvenuti fl-ammont ta' hmistax-il elf lira maltija (Lm15,000) li tali kreditu gie espressament rikonoxxut mill-konvenut Francis Mallia permezz ta' skrittura datata u ffirmata fit-22 ta' Dicembru, 1993, li permezz taghha huwa kkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur di fronte l-attrici. Jirrizulta li meta l-kontendenti Laura Seguna u Francis Mallia kienu

marru u talbu lin-Nutar Angelo Sammut biex jirredigi dina l-iskrittura, l-istess Nutar xehed (ara fol 37-38 tal-process), li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-ammont tas-somma dovuta. Il-fatt li l-iskrittura ma gietx iffirmata finalment quddiemu ma jbiddel xejn minn dak li xehed in-Nutar. Jekk tassew il-konvenut kien issellef biss l-ammont inferjuri ta' Lm9000 u mhux dak li tnizzel, l-istess konvenut ma kellux ghalfejn jaccetta u jiffirma skrittura bhal din. Mhux bizzejjed li wiehed jixhed li ma qarax dak li ftiehem dwaru u ffirma ghalih biex b'daqstant ifarfar mill-obbligi minnu assunti. Jirrizulta inoltre li l-istess konvenut "a sua volta" intenta azzjoni kontra l-attrici sabiex jimpunja l-iskrittura izda spicca biex tilef dina l-kawza, u li jfisser ukoll li l-punt ta' riferenza kwantu ghall-pretensjoni attrici tibqa' din l-iskrittura. Il-konvenut eccepixxa wkoll li huwa ssalda tali dejn u li konsegwentement m'ghad baqaghlu jaghti xejn fi hlasijiet ulterjuri lill-attrici. In-norma tal-ligi hija li min jallega jrid jipprova u dan il-konvenut ma rnexxielux jaghmlu. Xehed car u tond li huwa la ghandu u lanqas qatt ma talab ricevuti minghand il-kontro-parti ghax kien jafdaha. Min-naha taghha, pero', l-attrici cahdet kategorikament li qatt irceviet xi pagamenti akkont minghand il-konvenut.

Illi huwa minnu li l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba kollha ta' l-attrici. Kwantu ghas-somma l-ohra fl-ammont ta' Lm4,000.00, u liema ammont ma kienx kopert bi skrittura imma kien biss jirrizulta tramite cekk, l-

ewwel Qorti kienet tal-fehma li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova li tali kreditu sar in aggunta jew separatament ma' l-ammont imsemmi fl-iskrittura. Fil-fatt it-talba attrici giet milqugha biss kwantu ghall-ammont ta' Lm15,000. B'daqstant pero', ma jsegwix li ghaliex l-attrici ma rnexxielhiex tipprova li kellha tircievi addizzjonalment dana l-ammont ukoll, allura kien ifisser li l-ammont l-iehor lanqas ma kien dovut. Sar accenn mill-appellanti ghad-deposizzjoni moghtija mix-xhud Marianna Winkfield. Veru li din xehdet li kienet prezenti f'okkazzjoni partikolari meta kien hemm il-konvenut ghand omm l-attrici u fuq mejda kien hemm mazz flus li hija tghid li nghataw mill-konvenut lill-attrici. Izda apparti c-cahda ta' l-attrici li dawn kienu flus moghtija lilha mill-konvenut, ix-xhud Winkfield kienet neboluza ghall-ahhar fid-deposizzjoni taghha. La gharfet tindika l-ammont, la semghet jinghad xi diskors bejn l-attrici u l-konvenut (!) dwar dawn il-flus, u lanqas x'lewn kienu dawn il-flus in kontanti jew il-valur ezatt taghhom. Mhux hekk biss, imma, kif gustament irrimarkat l-ewwel Qorti:

> "……..il-konvenut lanqas biss isemmi dina l-okkazzjoni meta suppost hu hallas somma notevoli lill-attrici"

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li t-tieni parti ta' l-aggravju ma tirrizultax fondata;

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti u filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens, tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talba giet maghmula wkoll minn u f'isem Francis Seguna. Fit-tieni lok tichad it-tieni aggravju fil-meritu u ghalhekk tikkonferma l-bqija tas-sentenza kif moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sens li tilqa' t-talba ta' l-appellata Laura Seguna kontra l-appellanti u tikkundannahom ihallsu s-somma ta' Lm15,000 bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv, u b'dan ukoll li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jithallsu kwantu ghal kwart mill-atturi u tlett kwarti mill-appellanti konvenuti.

Dep/Reg

mm